MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 835/2001/1

**Rikors numru 835/01DM**

**Michael Attard Ltd**

**Vs**

**Alpha Colour Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta  ghal hlas tas-somma ta’ elfejn erbgha mija u tmintax-il lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm2418.15) rapprezentanti import ta’ hmistax–il kambjala skaduta accettata u firmata minnhom.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-17 ta’ Settembru 2001 u tal-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju Numru 2410/01 u l-Mandat ta’ Qbid Kawtelatorju Nurmu

2411/01NS, u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv kontra il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Rat in-nota tal-atturi tal-24 ta’ Jannar 2003 permezz ta’ liema huma cedew is-sorte izda zammew ferm il-kap tal-ispejjez.

Billi l-ebda rapprezentant tal-konvenuti ma deher biex jirrispondi ghad-domani in subizzjoni dwar l-ispejjez tal-kawza issib illi t-talba attrici fejn tirrigwarda  l-ispejjez tal-kawza tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghdha tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi l-ispejjez tal-kawza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------